MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 66/2010

**Emidio u Catherine konjugi Azzopardi – karti tal-identita' numri 78650G, u 41252G rispettivament**

**Vs**

**Av. Dr Kevin Mompalao li b'digriet tal-10 ta' Novembru 2010 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti George A De Brincat;**
**Av. Dr Mario Scerri li b'digriet tal-10 ta' Novembru 2010 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Valerie Grech, Tricia Hickman, Robert Stephan u Mark Stephan ilkoll ahwa Stephan.**

Il-Qorti,

Illi l-atturi ppremettew li huma dahlu f'kuntratt ta' appalt datat hamsa (5) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (1999) mal-konvenut George A DeBrincat fejn huma ntrabtu illi jiddemolixxu l-fond numru erbgha u ghoxrin

(24), triq Ulisse, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Ghawdex u minflok jibnu u jlestu zewg flats (cjoe' il-flat fil-livell ta' first floor u dak ta' second floor markati bin-numru tlieta u erbgha), u in kontrakkambju huma kellhom jircievu l-flat fil-livell ta' semi-basement, il-groundfloor level flat u l-arja soprastanti l-flat internament markat bin-numru erbgha (4) u fuqha jibni flats ohra ghalihom innifishom.

Nonostante li huma wettqu l-kuntratt ta' appalt, il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment tal-arja sovrastanti dawn il-flats ma giex ippubblikat peress li rrizulta li DeBrincat, kuntrarjament ghal kif gie dikjarat fil-kuntratt ta' appalt, mhuwiex is-sid uniku tal-fond *de quo* izda ghandu nofs indiviz ta' l-istess fond.

Irrizulta lill-atturi li n-nofs indiviz l-iehor tal-fond jappartjeni lill-oht DeBrincat jew l-eredi taghha.

DeBrincat kien isostni li huwa kien proprjetarju uniku tal-fond u infatti pproceda b'kawza kontra l-eredi ta' ohtu izda tali kawza kienet b'ezitu sfavorevoli ghalih u dan permezz ta' sentenza li ngahtat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007).

In segwitu ghal dik il-kawza, l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra DeBrincat ai termini ta' l-artikolu 1357 tal-Kap 16. Qabel ma ghadda t-terminu ghall-prezentata tal-kawza, il-partijiet resqu ghall-ftehim fejn gie ratifikat il-ftehim originali, u gie estiz il-validita' tal-istess sa zmien tlett (3) xhur minn meta huma jigu notifikati minn DeBrincat jew l-agent tieghu li intlahaq ftehim bonarju ma' l-ahwa Stephan, jew li dawn ta'l-ahhar gew imgeghla gudizzjarjament sabiex DeBrincat ikun jista' jonora l-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' l-atturi.

Ebda ftehim ma ntlahaq bejn DeBrincat u Stephan u wisq anqas DeBrincat ma pprezenta xi proceduri gudizzjarji sabiex il-proprjeta' *de quo* tigi diviza.

Ghalhekk l-atturi qed jezercitaw fil-konfront ta' l-ahwa Stephan l-*actio debitor debitoris mei* sabiex il-fond jigi diviz b'mod u manjiera li l-partijiet li skont il-ftehim

bejnhom u DeBrincat kellhom jigu trasferiti lilhom jigu assenjati lil DeBrincat u minnu trasferiti lilhom.

Huma sostnew li b'konsegwenza tad-dewmien kollu li gie provokat bid-difett fit-titolu ta' DeBrincat sofrew danni ingenti, ghal liema danni jahti unikament l-istess DeBrincat.

Illi in ezercizzju tad-drittijiet li l-atturi jsostnu li jispettawhom kontra DeBrincat, u ta' dan fil-konfront tal-ahwa Stephan, huma jridu jottjenu talba illi DeBrincat huwa intitolat li jitlob u jezigi minghand l-ahwa Stephan kumpens in vista tal-fatt li huma gew arrikkiti per konsegwenza tal-intervent tal-istess DeBrincat sabiex gie demolit il-fond antik u minflok nofs indiviz ta' fond qadim, huma spiccaw proprjetarji ta' zewg flats lesti minn kollox.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex

1. In ezercizzju tad-drittijiet spettanti lilhom kontra DeBrincat, u ta' dan fil-konfront tal-ahwa Stephan, tiddividi il-benefikati illum mibnija mibnija minflok il-fond antik 24, triq Ulisse, Marsalforn limiti ta' Zebbug, Ghawdex b'mod u manjiera illi l-komoditajiet konsistenti f'zewg flats (cjoe' il-flat fil-livell ta' first floor u dak ta' second floor markati bin-numru tlieta u erbgha) jigi assenjat lill-ahwa Stephan u l-flat fil-livell ta' semi-basement, il-groundfloor level flat u l-arja soprastanti l-flat internament markat bin-numru erbgha (4) jigu assenjati lill-istess George DeBrincat; jew b'dak il-metodu alternattiv illi jigi stabbilit, okkorrendo ad opera ta' perit nominand;

2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni relativ ad opera ta' Nutar nominand, u bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontuamci fuq dak l-istess att, f'jum hin u lok illi jigi iffissati ghal dan l-iskop;

3. Tikkundanna lilek George DeBrincat sabiex fuq l-istess att tittrasferixxi, b'titolu ta' *datio in solutum* lill-atturi l-komoditajiet illi jkunu gew assenjati lilek bis-sahha ta' dik id-divizjoni; u ghal dan il-ghan tordna l-pubblikazzjoni ta'

dan it-trasferiment ad opera ta’ Nutar nominand, u bl-intervent ta’ kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq dak l-istess att, f’jum hin u lok illi jigu ffissati ghal dan l-iskop;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tad-difett fit-titolu tieghek DeBrincat billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Tikkundanna lilek DeBrincat thallas dawn id-danni kif hekk likwidati;

6. Tiddikjara illi in ezercizzju tad-drittijiet spettanti lill-atturi kontra George DeBrincat, u ta’ dan fil-konfront tal-ahwa Stephan, intom l-ahwa Stephan ghandkom thallsu lil George DeBrincat kumpens gust u adegwat in vista tal-fatt illi huma gew arrikkiti per konsegwenza tal-intervent tal-istess DeBrincat sabiex gie demolit il-fond antik u minflok nofs indiviz ta’ fond qadim, huma spiccaw proprjetarji ta’ zewg flats lesti minn kollox;

7. Tillikwida, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand, il-kumpens hekk pagabbli;

8. Tikkundannakom thallsu lill-konvenut George DeBrincat, dan il-kumpens hekk likwidat, u tawtorizza lill-atturi illi jipprelevaw minn dan l-istess ammont dak l-ammont illi jkun gie likwidat a favur tal-attur fit-termini tar-raba’ u l-hames talba ta’ hawn fuq.

Illi l-atturi sussegwentement prezentaw rikors li permezz tieghu qeghdin jitolbu li jigi permess lilhom korrezzjoni fil-korp tar-rikors guramentat u dan billi jzidu li huma wettqu benefikati fuq is-sit u b’hekk ziedu l-valur tas-sehem minn dan il-fond spettanti lill-ahwa Stephan u b’hekk huma intitolati li jitolbu li jigu kkumpensati mill-istess ahwa Stephan.

Illi l-Av Dr Mompalao, kuratur deputat ta’ George DeBrincat, eccepixxa li:

1. Illi l-esponenti m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk filwaqt illi jirriserva li jirrispondi ulterjorment wara li jikkomunika ma’ George DeBrincat minnu rapprezentat, fl-esteru, qieghed ghal kull buon fini jirrimetti ruhu ghal provi migjuba u fl-istess hin jopponi t-talbiet attrici.

Illi Dr Mario Scerri, kuratur deputat ta’ l-ahwa Stephan, eccepixxa li:

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, indipendentement mill-kwistjoni jekk l-atturi jistghux jezercitaw l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuti fit-termini tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili, il-fond numru erbgha u ghoxrin (24), triq Ulisse Marsalforn, Ghawdex, li trieghu qed tintalab id-divizjoni jifforma parti minn wirt indiviz tal-mejtin Antonio u Tereza Debrincat, udituri tal-konvenut George DeBrincat u nanniet materni tal-konvenuti ahwa Stephan ulied il-mejta Rosemarie Stephan (nee Debrincat), li mietu rispettivament fis-27 ta’ Settembru 1973 u fil-11 ta’ Lulju 1980, u ghaldaqstant in linea preliminari r-rikors guramentat huwa rritu u inammissibbli stante li mhuwiex konsentit illi tintalab divizjoni parzjali mill-assi ta’ eredita’ li ghadha mhux diviza (ara Appell Inferjuri, Farrugia vs Camilleri, 10/03/2004);

2. Illi l-eccipjenti nomine mhuwiex jaghti l-kunsens tieghu ghal din il-qasma parzjali;

3. Illi apparti l-kwistjoni jekk tistax tintalab divizjoni parzjali minghajr il-kunsens unanimu tal-kollitiganti kollha,hemm ukoll il-karenza tal-interess guridiku fl-atturi li jitolbu d-divizjoni ta’ fond li jifforma parti minn wirt indiviz li tieghu l-atturi mhumiex werrieta u m’ghandhom ebda sehem;

4. A rigward it-tielet talba, il-ftehim tal-5 ta’ Ottubru 1999, li l-konvenut George Debrincat ghamel ma’ l-atturi, li permezz tieghu ntrabat li jittrasferilhom b’titolu ta’ *datio in solutum* partijiet divizi mill-fond numru 24, Triq Ulisse, Marsalforn, Ghawdex, huwa null, stante li dan il-ftehim jippresupponi divizjoni parzjali, haga li ma tistax issir ghar-

ragunijiet hawn fuq imsemmija (ara P.A., Ellul vs Cassar, 20/03/2003; P.A. Casha vs Cutajar, 18/06/2004). Konsegwentement dak kollu li sar permezz ta’ dak il-ftehim huwa null, u ghaldaqstant anke l-azzjoni odjerna hija nulla kif hemm kontemplat fl-artikolu 98 tal-Kap.12;

5. L-atturi m’ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-konvenuti ahwa Stephan, u kull ftehim li sar bejn il-konvenut George Debrincat u l-attur ma jorbotx lill-eccipjenti, li kienu estranei ghal dan in-negozju, u ghalihom dan il-ftehim huwa *res inter alios acta;*

6. Illi l-unika azzjoni li l-atturi ghandhom jew jista’ ghad ghandhom hija biss fil-konfront tal-konvenut l-iehor George Debrincat, ghall-hlas tad-danni, kif qeghdin jitolbu permezz tar-raba’ u l-hames talbiet taghhom;

7. Rigward is-sitta, sebgha, tmienja u disgha talbiet attrici, dawn huma wkoll improponibbli, hemm il-fihom il-karenza tal-interess guridiku, u ma jinkwadrawx ruhhom taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili stante li d-debitur tieghu, u cioe’ l-konvenut George Debrincat m’ghandu ebda jedd jew azzjoni fil-konfront tal-eccipjenti ahwa Stephan billi dak li sar ma sarx bil-kunsens jew konoxxenza taghhom, anzi sar minn wara daharhom ad insaputa taghhom, u sar b’qerq u b’mala fidi billi l-konvenut George Debrincat ipprezenta ruhu bhala s-sid uniku u esklussiv tal-fond numru 24, triq Ulisse , Marsalforn, Ghawdex, meta kien jaf li dan il-fond ma jappartjenix kollu lilu, izda biss nofs indiviz minnu;

8. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fat.

Illi b’referenza ghar-rikors ta’ l-atturi fejn talbu korrezzjoni, Dr Mario Scerri nomine oppona li tizdied premessa gdida u talba ohra mar-rikors guramentat; u anki Dr Mompalao nomine oppona peress li jsostni li l-korrezzjonijiet mitluba mhux biss jaffettwaw s-sustanza ta’ l-azzjoni izda qeghdin izidu talbiet godda ma’ dawk origianli u jissostitwixxu talbiet ohra.

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Dicembru, 2010 Dr Jean Paul Grech ghall-atturi ddikjara li t-talba ghad-divizjoni tal-proprjeta’ hi f’lokha stante li bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 495 et seq tal-Kodici Civili, l-awturi tal-konvenuti ilhom aktar minn ghaxar snin mejtin u ghalhekk in vista tal-emendi li saru fic-cirkostanzi partikolari l-argument tad-divizjoni parzjali m’ghadux japplika. Ikkonferma wkoll li t-talba tad-divizjoni qed issir ai termini tal-provvediment tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili.

Dakinhar tas-seduta d-difensuri tal-partijiet qablu li f’dan l-istadju ghandhom jigu trattati l-kwestjoni dwar it-talba ghall-korrezzjoni skond ir-rikors tat-22 ta’ Novembru 2010 u l-eccezzjonijiet kollha minn wiehed sa sebgha tal-konvenuti Stephan.

Rat li l-avukati difensuri tal-partijiet nonostante li nbidel il-magistrat sedenti rrimettew ruhhom ghall-atti u l-kawza thalliet illum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel ma jrid jigi trattat huwa l-punt dwar jekk it-talbiet addizzjonali proposti mill-atturi jikkostitwixxux tibdil fis-sustanza ta’ l-azzjoni.

Illi l-atturi permezz tar-rikors taghhom tat-22 ta’ Novembru 2011 talbu korrezzjoni fil-korp tar-rikors guramentat prezentat minnhom fis-sens li immedjatament wara d-disa’ paragrafu tidhol premessa gdida ossija li huma wettqu benefikati fuq u b’hekk ziedu l-valur tas-sehem mill-fond spettanti lill-konvenuti Stephan u ghalhekk huma intitolati jitolbu li jigu kkumpensati mill-istess konvenuti ahwa Stephan ghal dawn il-benefikati sal-limitu tal-ispejjez erogati allegatament mill-istess atturi jew l-awment fil-valur skont il-kaz. Ghalhekk talbu li s-seba’ u t-tmien talbiet jigu sostitwiti bi tlett talbiet godda li jkunu jaqraw hekk u talbu lil din il-qorti:

‘7. tiddikjara ukoll li galadarba r-rikorrenti in effetti wettqu benefikati fuq u b’hekk ziedu il-valur tas-sehem minn dan il-fond spettanti lill-ahwa Stephan u ghalhekk huma intitolati illi jitolbu illi jigu kkumpensati mill-istess ahwa Stephan ghal dawn il-benefikati sal-limitu tal-ispejjez erogati mir-rikorrenti jew l-awment fil-valur skont il-kaz, a bazi tal-principju *jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem*

8.tillikwida, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand, il-kumpens pagabbli lir-rikorrenti fit-termini tas-sitta u s-seba’ t-talba;

9. tikkundannakom thallsu lill-konvenut George DeBrincat, dan il-kumpens hekk likwidat fit-termini tas-sitta u tat-tmien talba, u tawtorizza lill-atturi illi jipprelevaw minn dan l-istess ammont dak l-ammont illi jkun gie likwidat a favur tal-attur fit-termini tar-raba’ u l-hames talba ta’ hawn fuq; u direttament lir-rikorrenti l-ammont likwidat favur taghhom fit-termini tas-seba’ u tat-tmien talba’.

Illi l-**Artikolu 175 tal-Kap 12** jaghti fakolta lill-Qorti sabiex fuq talba ta wahda mill-partijiet tordna is-sostituzzjoni ta xi att jew tippermiett tibdil fl-iskritturi, ghall-izbalji hemm indikati, u *“inter alia” “jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta fatt jew ta dritt ukoll permezz ta nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza”.***

Illi kif jidher car mill-korp tar-rikors guramentat, l-atturi qeghdin jittentaw jezercitaw l-azzjoni maghrufa bhala *actio debitor debitoris mei.* Permezz taghha l-kreditur biex jithallas ta’ dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet li d-debitur tieghu jista’ jiehu kontra d-debituri tieghu, basta tali jeddijiet ma jkunux pesonali ghad-debitur bhal ma huma kawzi li ghandhom x’jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi maghha. Din hija azzjoni surrogatorja.

L-azzjoni indiretta hija azzjoni li ssir *in nomine debitoris,* u minnha jgawdu l-kredituri kollha tal-ewwel debitur. Jekk tirnexxi l-azzjoni, il-hlas li jaghmel it-tieni debitur lill-kreditur tieghu, jidhol fil-patrimonju ta’ dak il-kreditur, issa debitur tal-kreditur azjonandi, u kull kreditur tieghu, privileggjat jew le, jkun jista’ jesegwixxi l-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Dan ifisser li l-kreditur li jaghmel din l-azzjoni ma jakkwista ebda privilegg bil-fatt li jkun hu li nieda l-azzjoni,izda, jekk jakkwista rizultat pozittiv, ikun irid wara, jikkompeti mal-kredituri l-ohra fuq l-assi hekk awmentati tad-debitur[1].

Illi fl-istess kawza, l-atturi qeghdin jippretendu li jigu likwidati danni favurihom li huma allegatament soffrew peress li l-konvenut George A. Debrincat iddikjara fuq il-ftehim ta’ bejniethom li huwa kien sid uniku tal-proprjeta’ *de quo* u wara li l-proprjeta’ giet zviluppata mill-atturi saru jafu li l-proprjeta’ *de quo* hija fi stat ta’ komunjoni bejn l-istess DeBrincat u l-ahwa Stephan.

Inoltre’ huma ttentaw ukoll jitolbu li bhala kredituri ta’ DeBrincat l-ahwa Stephan jigu kkundannati jhallsu lill-istess Debrincat kumpens gust u adegwat in vista li allegatament huma gew arrikkiti bl-intervent ta’ l-istess Debrincat sabiex jigi demolit il-fond antik  u minflok nofs indiviz ta’ fond qadim, huma spiccaw proprjetarji ta’ zewg flats lesti minn kollox.

Din hija l-azzjoni komunement maghrufa bhala l-*actio de in rem verso.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Fenech vs Mary Jacqueline Fenech**[2] gie ritenut li l-elementi ta’ l-azzjoni attrici huwa li persuna tkun kisbet vantagg jew utilita’ minhabba xi gid ta’ haddiehor li kien ghadda ghandha jew minhabba xogholijiet jew servizzi li twettqu fi hwejjigha bla ma sar hlas taghhom jew b’mod li ffrankat l-ispejjez, it-tnaqqis mill-gid ta’ parti l-ohra b’tikolu lukrattiv; ir-rabta bejn it-tnaqqis mill-gid ta’ parti u l-beneficcju li hadet jew akkwistat il-parti l-ohra; in-nuqqas ta’ raguni li

---

[1] Ara **HSBC Bank (Malta) Limited vs Price Club (Swatar) Limited et,** Cit Nru: 413/2002TM deciza fit-12 ta’ Ottubru 2006
[2] Rik Nru: 554/03RCP deciza fit-30 ta’ Marzu 2010

tiggustifika l-arrikkiment ta' parti u t-telf tal-parti l-ohra; u fl-ahharnett li min laqa' ghandu l-haga jew servizz staghna b'dik il-haga jew b'dak is-servizz u dan kollox kif indikat fis-sentenzi nostrali[3].

Illi fl-opinjoni ta' din il-qorti il-korrezzjoni mitluba mill-atturi tikkomporta tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni. L-atturi qeghdin jezercitaw l-*actio debitor debitoris mei* fil-konfront ta' l-ahwa Stephan li permezz taghha qeghdin jitolbu divizjoni tal-proprjeta' in komun li tezisti bejn De Brincat u l-familja Stephan. Kif diga' inghad qeghdin jippretendu hlas ta' danni minghand DeBrincat; kif ukoll qeghdin jitolbu kundanna hlas a favur ta' De Brincat minghand l-ahwa Stephan rapprezentanti l-ammont li bih gew arrikkiti minhabba d-demolizzjoni u bini tal-korp ta' bini in kwistjoni biex b'hekk wara li dan l-ammont ukoll dahal fil-patrimonju ta' l-istess De Brincat ikunu jistghu jipprelevaw ammont dovut lilhom in linea ta' danni.

Mentri issa bit-talba li l-atturi jridu li tizdied fl-istess kawza jippretendu li l-ahwa Stephan jigu wkoll kkundannati jhallsu din id-darba lilhom personalment minhabba li allegatament dawn ta' l-ahhar gew arrikkiti bix-xoghol li sar min-naha ta' l-atturi fil-proprjeta' in komun li huma ghandhom ma' Debrincat. Din hija l-ezercizzju ta' l-*actio de in rem verso* per eccellenza. Il-kawzali huma kompletament differenti u distinti minn xulxin u certament li t-talbiet li l-atturi jridu li jizdidu mhumiex konsegwenzjali ghall-ohrajn u ghalhekk is-sustanza ta' l-azzjoni se tinbidel. Filli l-atturi qeghdin jagixxu kontra l-konvenuti Stephan bhala debituri ta' De Brincat filli fl-istess azzjoni qeghdin jippretendu li jagixxu bhala kredituri ta' l-ahwa Stephan. Din hija alkwantu konfuzjonali u mhiex f'lokha li tigi ezercitata f'azzjoni wahda.

Huwa minnu li meta l-atturi pprezentaw ir-rikors sabiex ikun hemm tali zieda l-konvenuti ma kienux ghadhom pprezentaw ir-risposta guramentata taghhom pero'

---

[3] Fosthom dawk fl-ismijiet **"Emanuel Bartolo vs Victor Micallef"** (P.A. (JRM – 28 ta' Ottubru 2004; u **Richard Azzopardi et vs Isabel Cassar et"** (P.A. (JRM) – l-1 ta' Marzu 2004).

ghalkemm dan il-fatt ghandu r-rilevanza tieghu f'certu kazi ma jista' bl-ebda mod jiehu s-soppravent fuq id-dispost ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12. Din il-qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-korrezzjonijiet mitluba jfissru tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni prezentata, liema korrezzjoni hija espressament projbita mil-ligi, sempliciment ghaliex it-talba saret qabel ma r-risposti guramentati gew prezentati.

Illi infatti lanqas huwa permissibbli ghall-Qorti li tordna tali korrezzjonijiet jew zieda fit-talbiet ghaliex proprio tali talbiet **"***ibiddlu is-sustanza tal-azzjoni"* u ukoll *"l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza".*

Illi ghar-rigward tad-decizjoni dwar l-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dr Mario Scerri nomine din il-qorti qeghda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza rigward l-istess u dan peress li jidhrilha li huwa f'loku li qabel xejn l-atturi jkunu jistghu jiehdu konjizzjoni tad-decizjoni dwar it-talba mressqa minnhom.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-atturi kontenuta fir-rikors taghhom tat-22 ta' Novembru 2010 bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------